**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**Rudolph Gatt**

Kumpilazzjoni Numru:1092/2011

**Illum 3 ta' Frar, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Rudolph Gatt ta' 23 sena, iben George u Rita nee' Galea, post tat-twelid Pieta' imwieled nhar il-4 ta' Novembru, 1988, residenti f'numru 19, Grazia, Flat 2, Triq Mons A. Buhagiar, Rabat, Malta u li ghandu numru tal-karta tal-identita' 514788M:

Talli nhar id-29 ta' Mejju, 2011 ghal habta ta' 03:45 hours gewwa Triq l-Imdina, Rabat u f'dawn il-Gzejjer Maltin:

(i) Waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HON 140 tal-marka Honda b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti tat-ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Silvio Frendo li ghandu numru tal-identita' 453481(M) hekk kif iccertifika Dr Moses Camilleri M.D tal-Isptar Mater Dei;

(ii) Waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HON 140 tal-marka Honda b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew

professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti tat-ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Olivia Frendo li ghandha numru tal-identita' 424481(M) hekk kif iccertifikat Dr Agnes Cachia Packard M.D tal-Isptar Mater Dei;

(iii) Waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HON 140 tal-marka Honda b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti kkawza hsara involontarja fuq vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni XAL 281 ghad-dannu ta' Silvio Frendo li ghandu numru tal-identita' 453481(M) u terzi persuni ohra;

(iv) Waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HON 140 tal-marka Honda b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' regolamenti kkawza hsara involontarja fuq vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni HON 140 tal-marka Honda ghad-dannu ta' George Gatt li ghandu numru tal-identita' 846249(M) u terzi persuni ohra;

(v) U aktar talli saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HON 140 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku et sequitur.

Il-Qorti hija mitlub ali f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmi Rudolph Gatt, milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

- Fl-artikolu 226(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 328(b) u (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta
- Fl-artikolu 17, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Dawn il-proceduri jirrigwardaw incident stradali li sehh fid-29 ta' Mejju, 2011 ghall-habta tal-3.45am bejn zewg vetturi fi-Rabat, Malta bejn vettura tal-marka Toyota registrazzjoni numru XAL 281 misjuqa minn Silvio Frendo u vettura tal-marka Honda registrazzjoni numru HON 140 misjuqa mill-imputat.

L-imputat qieghed jigi addebitat bir-reati li kkaguna involontarjament feriti ta' natura gravi fuq il-konjugi Silvio u Olivia Frendo; bi hsara involontarja ghad-dannu ta' Silvio Frendo u George Gatt; kif ukoll, li saq b'manjiera traskurata, bla kont u b'mod perikoluz.

Illi inkwantu ghall-imputazzjonijiet migjuba din il-Qorti se tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef**[1]

*"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.*

*Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti,*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010

*ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.*

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.*

*Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.*

*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.*
*In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.*

*L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid **Manzini**:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.*

*Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-**Artikolu 225 tal-Kap. 9,** u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju. L-**artikolu 225 tal-Kap 9** jiddisponi s-segwenti:*

*"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd …"*

*Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:-*

*1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ;*
*2. kkaguna l-mewt ;*
*3. fuq persuna.*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-*

*"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

*L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-*

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".*

*Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990**, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*
*1. la volontarieta dell'atto;*
*2 la mancata previsione dell'effetto nocivo;*
*u*
*3 la possibilita di prevedere.*

*Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija*

*(vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).*

*X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet culpable negligence u cioe' li tammonta ghal criminal misconduct. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)*

*Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.*

*Kif tajjeb osservat il-prosekuzzjoni fin-nota taghha fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud,** il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li gie enuncjat u t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:*

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** (reckless driving) hu deskritt fis- Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

***Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta'*

*traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."* ***(vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950)***. "

*Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah "esprit de voiture". U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.*

Dawn l-insenjamenti huma applikabbli ghall-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali s'intendi l-persuna tkun sofriet xi tip ta' ferita u ma tkunx tilfet hajjitha.

Illi imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clive Vella**[2] saret referenza ghal sentenza ohra moghtija mill--Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Frar 2003 fis-sentenza fl-ismjiet : 'Il-Pulizija vs Francis William Peter George Zarb Adami' fejn gie ritenut:

*'F'każijiet ta' incidenti stradali, hemm certa presumptions of fact li johorgu mill-assjem tar-rizultanzi ta' dak l-incident, li fil-gurisprudenza antika kienu jissejhu 'res ipsa loquitur u li llum ikun korrett li jissejhu circumstantial evidence u li jistghu jimmiltaw biex min irid jiggudika jasal ghal certi konkluzjonijiet dwar ir-responsabilita' o meno tal-akkuzat.'*

Illi l-Qorti se tirreferi ghar-rizultanzi processwali:

L-incident sehh fil-parti d-dritta ghat-telgha quddiem bus shelter, meta z-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu f'direzzjoni opposta

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali deciz fl-14 ta' Jannar, 2013

bil-Honda misjuqa mill-imputat tielgha ghat-telgha u t-Toyota niezel ghan-nizla.

PS 518 Anthony Degiovanni[3] acceda fuq il-post ftit wara l-incident. Huwa xehed li l-vettura XAL 281 misjuqa minn Frendo kienet fuq il-kareggjata huma u nezlin H'Attard u l-Honda li kienet qeghda tinstaq fuq il-kareggjata l-ohra sabha fuq il-kareggjata fejn kien qieghed isuq Frendo u dan billi l-impatt sehh fuq il-kareggjata ta' Frendo.

Silvio Frendo[4] jixhed li kien qieghed isuq Toyota Hilux, registrazzjoni numru XAL 281 gej min-naha tar-Rabat u kien sejjer lejn H'Attard. Mieghu kien hemm martu. Jispjega fejn kienu marru filghaxija u jixhed li l-ahhar post li kienu kien ir-Rabat u huma u nezlin 'l isfel mir-Rabat lejn H'Attard raw karozza sejra ghal go fihom. L-impatt bejn iz-zewg vetturi sehh fuq il-karreggjata li fiha kien qieghed isuq huwa. Bid-daqqa l-karozza tieghu imxiet lura u spiccat gol-hajt tas-sigar. Jixhed li kellu l-punti f'rasu (il-ferita tidher fuq mohhu n-naha tal-lemin) u l-ligamenti ta' siequ kienu migbudin. Huwa dam diversi gimghat ma jiftah il-hanut tieghu.

Min-naha taghha Olivia Frendo xehdet li hija sofriet diversi griehi kawza tal-incident. Xehdet li hija kellha erba' kustilji miksurin, spallitha mxaqqa, qata' f'saqajha u ccartitilha l-arterja ta' qalbha. Hija giet operata u damet hamest ijiem fit-taqsima tal-kura intensiva u tlett gimghat b'kollox l-isptar. Hajjitha ma baqghetx l-istess. Hija kkonfermat li ma la hija u lanqas zewgha ma kienu lebsin seatbelt.

Illi mir-rapport tal-espert Joseph Zammit jirrizulta li mill-ezamijiet teknici li wettaq ma jirrizultax li l-incident sehh minhabba xi hsara teknika li setghu garbu l-vetturi sehh l-incident.

Iz-zewg vetturi kellhom hsarat estensivi hekk kif jirrizulta mir-ritratti u mir-rapport tal-espert Zammit.

[3] Seduta tal-11 ta' Jannar 2012
[4] Seduta tal-11 ta' Jannar, 2012

L-espert Zammit ikkonstata wkoll li l-vettura tal-marka Toyota nstabet fuq in-naha taghha tax-xellug, fil-kareggjata regolari taghha, u nstabu provi li sabiex jigi evitat dan l-incident ukoll gew applikati l-brejkijiet li hallew impronti u s-sewwieq gibed aktar lejn ix-xellug li anke dahal fin-naha l-hazina tat-triq sabiex jevita l-incident.

L-imputat Rudolph Gatt ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Huwa xehed li dak iz-zmien tal-incident kien se jlesti t-tezi. Id-*deadline* biex jissottometti t-tezi kien proprju gurnata qabel sehh l-incident. Jixhed li dik il-gimgha ma tantx raqad. It-tezi ssottomettiha l-Gimgha f'nofsinhar, imbaghad filghaxija hareg u rrinkaza f'xi nofsillejl u filghodu qam xis-sitta w nofs biex ighin lil missieru billi dan tal-ahhar kien xtara xi injam ghaliex huwa mastrudaxxa u damu sa nofsinhar. Wara li ghen lil missieru, l-imputar mar jahsel il-karozza u ghal xil-erba' ta' wara nofsinhar mar fejn xi hbieb tieghu l-Ahrax tal-Mellieha. Minn hem xis-sitta w nofs ta' filghaxija mar Bugibba biex jara l-final tac-Champions League. Wara l-loghba mar Paceville u xit-tlieta ta' filghodu kien qieghed jirritorna d-dar tieghu gewwa r-Rabat, Malta. Huwa u tielgha t-telgha tas-Saqqajja testwalment ighid: *"Li nista' niftakar li kont ghajjien hafna x'aktarx marret ghajnejja bija jigifieri jiena l-incident essacc lanqas niftakru. Ma niftakarniex qed nahbat jiena. Naf li ghonost u nqum u nsib li mahbut fil-fatt. Ghal bidu hsibt li kont wahdi jigifieri go xi sigra jew hekk. Pero' imbaghad nara li kien hemm vann, kien hemm vann li ndunajt li hbatt gon-nies dak il-hin"*. In kontro-ezami jixhed li huwa ma kellux cans izomm brejk.  Huwa gie rikoverat l-isptar.

Illi dwar id-dinamika tal-incident m'hemmx wisq kontestazzjoni. Jirrizulta mill-atti partikolarment mir-ritratti, skizz, rapport tal-esperti u anki mix-xhieda prodotti li dan l-incident sehh minhabba telfien ta' kontroll da parti tal-imputat li minhabba f'hekk il-vettura misjuqa minnu gibdet u dahlet fil-kareggjata opposta u baqa' diehel fuq il-vettura Toyota head-on mal-istess vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Infatti l-impatt sehh proprju fuq il-kareggjata opposta li originarjament kien qieghed isuq fiha l-imputat. Kemm il-konjugi Frendo garrbu feriti kif ukoll l-istess imputat li wegga' gravement. Il-hsarat fiz-zewg vetturi kienu estensivi.

Id-difiza ssostni li l-imputat ma saqx taht l-influwenza tax-xorb jew taht xi effett ta' sustanzi stupefacenti izda r-raguni kienet li huwa kien ghajjien u kwindi ma kienx hemm non-osservanza tar-regolamenti. Id-difiza ssostni li f'kaz li se tinstab htija dan ikun ifisser li qeghda tigi adottata d-dottrina ta' *strict liability*.

Din il-Qorti ma tqisx li d-difiza mressqa mill-abbli difensur tal-imputat hija wahda korretta. Fl-ewwel lok, l-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali li jirreferi ghall-artikolu precedenti ma jirreferix biss ghan-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti izda wkoll ghal kull min b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jikkaguna griehi involontarji. Fit-tieni lok, filwaqt li huwa minnu li l-imputat ma kkonsmax alkohol[5] u ma hax sustanzi stupefacenti dan ma jezonerahx mill-incident. Min-naha l-ohra, kif qalet ben tajjeb, l-avukat difensur tal-parte leza l-fatt li persuna tkun ikkunsmat alkohol lanqas ma tfisser awtomatikament li kienet il-kawza tal-incident. Naturalment tkun trid tiffacja imputazzjonijiet relatati mal-ksur tal-ligi relatata. Tqis ghalhekk li ghal dan l-incident jahti unikament l-imputat u dan billi l-impatt sehh fil-karreggjata opposta li fiha kien qieghed isuq huwa. L-istess imputat jammetti li marret ghajnu bih u li lanqas biss kellu cans jaghfas il-brejk. L-imputat ha d-decizjoni l-hazina meta ddecieda li jsuq nonostante li kien ghajjien hafna. L-ispjega tieghu ta' x'kien ghamel dik il-gimgha u matul l-ahhar gurnata qabel sehh l-incident ma tistax twassal hlief ghal konkluzjoni wahda. Huwa ovvju li persuna li ma tantx tkun raqdet u tkun ghaddiet minn haga ghal ohra matul il-gurnata se tghejja u r-riflessi ma jkunux tajbin u pronti sabiex issuq fit-toroq.  L-imputat kien ghalhekk negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu. L-imputat irid jifhem li karozza hija arma f'idejn is-sewwieq u li apparti li f'kaz ta' incident jista' jwegga' l-istess sewwieq hemm ukoll il-possibilita' li jwegga' lil haddiehor u ghalhekk huwa ferm prevedibbli li jista' jsehh incident.

Illi rrizulta li f'dan l-incident wegghu Silvia u Olivia Frendo. Mill-atti jirrizulta[6] li Silvio Frendo sofra feriti gravi hekk kif iccertifikat minn Dr Moses Camilleri. Inkantu ghal Silvia Frendo gew prodotti diversi professjonisti. Fl-ewwel lok gie prodott Mr Alexander Manche' li xghid testwalment: *"the injuries that she*

---

[5] Irrizulta li sar breathyzer test fuq l-imputat li rrizulta fin-negattiv

[6] Rapport u xhieda ta' Dr Massimo Abela

*sustained were compatible with what they call 'a severe decelaration' in other words the body has to be travelling at a certain speed and then suddenly the speed comes down to zero."* Mr Manche' spjega li Olivia Frendo soffriet ferita severa tant li f'kaz li ma gietx operata minnufih kienet tmut u inoltre' kien hemm possibilita' serja li bhala kumplikazzjoni post-operattiva setghet tibqa' paralizzata mill-parti t'isfel ta' gisimha. Huwa spjega li giet operata, ma sfatx paralizzata izda sofriet *neurological deficit.* Huwa ra sena wara li sofriet il-feriti u stabilixxa li *"there was still some weakness but mainly the problems were sensory. In other words, she described a burning sensation which is difficult to quantify, but she said that it is still quite disabling and there is still some weakness of both lower legs. At this point I don't feel that there is going to be further material improvement".* Xehdet ukoll Dr Josianne Aquilina[7] li kkonstatat li Olivia Frendo tbati minn dizabilita' permanenti li b'kollox twassal ghal persentagg ta' 24%.

Illi f'dan il-kaz irrizulta wkoll li l-konjugi Farrugia ma kienux lebsin seatbelts. Madankollu, lanqas ma jista' jinghad li l-griehi sofferti mill-konjugi Frendo ma kienux konsegwenza diretta ta' l-impatt. Hekk kif gie ritenut, f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor[8]. Dana ghaliex il-**"contributory negligence"** ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (Vol. XXXVIII,p.IV. p.883). Il-kawza prossima tal-incident kien is-sewqan negligenti tal-imputat u l-griehi huma konsegwenza diretta tal-incident.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet l-ewwel zewgt imputazzjonijiet jirrizultaw ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

Inkwantu ghat-tielet u raba' imputazjonijiet, fl-ewwel lok gie ippruvat li l-vettura tal-marka Toyota misjuqa minn Silvio Frendo tappartjeni lill-istess sewwieq, mentri l-vettura tal-marka Honda misjuqa mill-imputat tappartjeni lil Geroge Gatt. Fit-tieni lok, fir-rapport tieghu l-espert Joseph Zammit stabilixxa li l-vettura tal-marka Honda qabel l-incident kellha valur ta' €11,700 u wara l-incident kellha *wreck value* ta' €500. Il-vettura tal-marka Toyota, Hi-Lux Pick-

[7] Seduta tal-21 ta' Novembru 2012
[8] App. Kriminali: **"Il-Pulizija vs Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano "** [3.11.1963] ; **"Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud"** [Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131] u ohrajn.

Up qabel l-incident kellha valur ta' €14,000 u wara l-incident il-hsarat kienu tali li l-vettura giet *beyond economical repair* u *wreck value* taghha huwa ta' €700.

Kwindi anki dawn iz-zewgt imputazzjonijiet gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-hames imputazzjoni, abbazi tal-insenjamenti u abbazi tar-rizultanzi processwali jirrizulta li s-sewqan tal-imputat kien sewqan traskurat izda ma kienx bla kont jew perikoluz.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura gravi tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu li hija netta u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Din il-Qorti ma tqisx li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 226(1)(a)(b), 328(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel erba' imputazzjonijiet u inkwantu ghal hames imputazzjoni qeghda ssib lill-imputat hati ta' sewqan traskurat izda mhux ta' sewqan bla kont u perikoluz u tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan ta' Rudolph Gatt ghal zmien sitt (6) xhur liema perjodu jibda jiddekorri min-nofs il-lejl tallum.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' tlett elef mitejn u hamsa u tletin euro u seba' u disghin centezmu (€3,235.97) rapprezentanti hlas ta' l-ispejjez tal-esperti mahtura. Il-hati qieghed jinghata sena (1) zmien sabiex ihallas dan l-ammont f'rati mensili. L-ewwel pagament jibda jithallas mill-ahhar ta' Frar 2016. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat